Sena 2018

# Rapport ta' Ħidma Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali




Mario Fava

President

Sena 2018

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

# Kontenut

Introduzzjoni....3
Laqgħa tas-Sindki – 24 ta' Marzu 2018....3
Laqgħa Plenarja – 7 ta' Lulju 2018....4
Laqgħa Plenarja Straordinarja – 27 t' Ottubru 2018....5
Laqgħat tal-Eżekuttiv....5
Temi li ħadmet fuqhom l-Assoċjazzjoni....7
Ħaddiema fuq skemi tal-RSSL u CWSEF li qegħdin mal-Kunsilli Lokali....7
Bereġ....8
POYC....8
Ftehim Kollettiv tal-Ħaddiema Klerikali assenjati mal-Kunsilli Lokali....9
Ftehim Kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi....9
GDPR....9
Masters fil-Governanza (MQF 7)....9
Ftehim dwar Qbid ta' Ħammiem mil-Lokalitajiet....10
Swieq fil-Beraħ....10
Ftehim dwar il-Bus Shelters....12
Transport Malta....12
Riċiklaġġ ta' Materjal ta' Tessuti....12
Tribunali Lokali....13
Ftehim LESA....14
Laqgħat Enemalta u WSC....14
Town Centre Management- MTA....14
Permessi ta' Mwejjed u Siggijiet....14
Ħlasijiet ta' Kontijiet ta' Dawl u Ilma fil-Kunsilli Lokali....14
Iffirmar ta' MoU kontra r-rilaxxar tal-Bżieżaq....15
Immaniggjar tal-Iskart....16
Local Integration Charter....16
Health and Safety Seminar....16
LESA Seminar....16
Kollaborazzjoni ma' Transport Malta fuq Charging Pillars....16
Kumitat għall-Immaniġġjar tat-traffiku....17
Inizjattiva MCCF 2018....17
Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa....17
EPPS – Kors ta' Evalwazzjoni 13/07/2018....17
Parteċipazzjoni fil-kampanija Pink October....18

Attivita’ tal-Milied organizzata mill-Assoċjazzjoni ........ 18
Attivitajiet f’ għeluq il-25 sena ta’ Gvern Lokali ........ 18
Rinovar fl-uffiċini u s-Sala tal-Assoċjazzjoni ........ 19
Ingaġġ ta’ impjegati ġodda ........ 19
X’ inhuma l-pjanijiet għall-ewwel tlett xhur tas-Sena 2019? ........ 20
Konklużjoni ........ 20

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

# Rapport ta' Ħidma Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għas-sena 2018

## Introduzzjoni

Il-President, f' isem l-Eżekuttiv Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali qiegħed jippreżenta Rapport ta' Ħidma għas-sena 2018.

Is-sena 2018, kienet sena li fiha sar ristrutturar tal-amministrazzjoni tal-Assoċjazzjoni kif ukoll rinovar tal-Binja li minnha topera l-Assoċjazjoni. Minkejja, ix-xogħol intern li kien għaddej, l-Assoċjazzjoni ħadet ħsieb li tagħmel lista ta' prijoritajiet li kellha taħdem fuqhom biex dejjem tkun aktar viċin tal-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Reġjonali. L-Assoċjazzjoni ħadmet bil-għaqa ir-riżorsi tagħha biex b' hekk setgħet toffri servizz tajjeb għal dawk il-Kunsilli Lokali kollha li kellhom bżonn l-għajnuna.

Matul is-sena l-Assoċjazzjoni għamlet diversi laqgħat ma' entitajiet, Ministeri u Dipartimenti diversi biex setgħat tinnegozzja termini fl-aħjar interess tal-Kunsilli.

## Laqgħa tas-Sindki – 24 ta' Marzu 2018

L-ewwel Laqgħa tas-Sindki, Viċi Sindki u Segretarji Eżekuttivi għas-sena 2018 saret is-Sibt 24 ta' Marzu fl-Amazonia fil-lukanda Dolmen. Il-punti ewlenin li ġew diskussi kienu:

- Onorarja jew Salarju
- Terminu tas-Sindku / President Reġjonali
- L-Eżekuttiv u l-Amministrattiv
- Viċi Sindki u Kunsilliera
- Kariga tas-Sindku fuq bażi full-time
- L-Irwol tas-Sindku u tisħieħ tal-Amministrazzjoni
- Formazzjoni Eżekuttiva tal-Kummitat Reġjonali
- Tibdil fil-Konfini tar-Reġjun
- Ir-Reġjuni u l-Entitajiet Governattivi
- Segretarji Eżekuttivi

Ġie diskuss fid-dettal il-formola addottata għall-kariga ta' Sindku full-time, fejn fost il-mistoqsijiet li kienu imsemmija fid-dibattitu kien hemm li:

- Ser immorru għal sistema ta' *'one size fits all'*?
- Ser immorru għal sistema li kull lokal irid ikollu sindku *'full time'* bilfors?
- Ser immorru għal sistema li tkun għażla tal-persuna li tkun ġiet eletta bħala Sindku?
- Ser immorru għal għażla ngħidu aħna li lokal ikollu Sindku *'full time'* skont in-numru ta' Kunsilliera?
- Fid-dawl ta' dawn id-domandi, x' se tkun il-pozizzjoni tad-Deputati Parlamentari?

Issemma wkoll il-fatt li jekk fl-eventwalita' li l-kariga ta' Sindku *full time* tkun mandatorja;

- Ser inħallsu lis-Sindki kollha ndaqs jew se nħallsuhom fuq l-ammont ta' residenti li għandhom?
- F' dan il-każ, lokalitajiet li f' ċerti staġuni jew inkella mall-ġurnata, il-popolazzjoni tagħhom tirdopja jew iżjed, se nimxu maghhom b' dan il-mod?

Saret ukoll referenza għal x' jistgħu jkunu s-sitwazzjonijiet fejn:

- Għandek sitwazzjonijiet fejn jista' jagħti l-każ li lokal b'ħames kunsilliera jkollok Sindku li jagħmel siegħat il-Kunsill aktar minn Sindku f' lokal b' 9 jew 11-il Kunsillier.
- Minn naħa l-oħra, jekk se nħalluha miftuħa għad-deċiżjoni tal-persuna eletta, ifisser li se jkollna Sindku *'full time'* f' lokal bi 800 resident imma lokal bi 12,000 resident is-Sindku jiddeċiedi li jkun fuq bażi ta' *part-time*?
- Fid-dawl ta' dan kollu, għadna mmorru għal Sindki *'full time'* jew forsi għandna nikkonsidraw il-possibilita' illi tiżdied l-onorarja. Din għandha tkun marbuta mal-preżenza fil-Kunsill Lokali?

Ġie wkoll enfasizzat l-irwol tas-Sindku u t-tisħieħ tal-Amministrazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Mid-diskussjoni ħareġ biċ-ċar li l-ewwel irid jiġi stabbilit u jkun definit l- irwol li għandu jkollu s-Sindku kif ukoll kif tista' tissaħħaħ l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali.

- Kunsill li jrid jaħdem u jmur oltre' mid-doveri imposti fuqu mill-ligi, għandu jkollu 'mano libera' li jimpjega ħaddiema addizzjonali ma' dak li tippermettilu l-ligi? Naturalment, dan f' qafas fejn il-Kunsill Lokali jkollu l-fondi meħtiega u tmexxija Amministrattiva bil-għaqal.
- Għadna naraw li kull individwu fil-Kunsill iġorr ir-responsabbilta' li d-doveri tiegħu jixtħu fuq spalltu?
- Wieħed jifhem li s-Sindku m'għandux jidħol fix-xogħol Amministrattiv tal-Kunsill imma meta jara' li x-xoghol mhux isir, sa fejn għandu jasal?

Għal-Laqgħa attendew madwar 120 parteċipant fosthom; Sindki, Viċi Sindki, Presidenti Reġjonali, Segretarji Eżekuttivi u stakeholders oħrajn.

## Laqgħa Plenarja – 7 ta' Lulju 2018

L-Assoċjazzjoni fasslet rapport li poġġietu għad-diskussjoni waqt il-laqgħa Plenarja li nżammet nhar is-Sibt, 7 ta' Lulju 2018. Dan id-dokument tratta s-sinerġija bejn l-Infurzar Lokali, ħruġ ta' permessi minn entitajiet diversi kif ukoll l-obbligi tal-iżviluppatur.

Il-President ħejja ir-rapport; *Sistema ta' Żvilupp li tħaress l-interessi ta' kulħadd*. Fir-rapport issemma;

- X'inhi il-proċedura biex wieħed ikun jista' jagħlaq triq sabiex jopera?
- Proposti mill-Malta Developers' Association

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

- X' tip ta' infurzar qiegħed isir

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li mhux jagħti soluzzjonijiet maġiċi u lanqas iwassal għal xi deċiżjonijiet drastiċi. L-iskop hu li permezz tal-Laqgħa Plenarja u fil-preżenza ta' dawk kollha nvoluti u li ghandhom interess fis-settur, tigi provokata diskussjoni matura sabiex ikun hemm aktar sinerġija u eventwalment nifhmu li kollha għandna bżonn xulxin. Jekk nifhmu dan, allura kulħadd ikun jista' jaħdem bla xkiel filwaqt ukoll li kulħadd iħossu protett u bid-drittijiet tiegħu imħarsa.

Bir-riżultat ta' din il-laqgħa, il-President tal-Assoċjazzjoni f' isem l-AKL beda sensiela ta' laqgħat mal-Ministeri kkonċernati, mal-LESA kif ukoll mal-Puluzija.

## Laqgħa Plenarja Straordinarja – 27 t' Ottubru 2018

L-aħħar Laqgħa tas-Sindki, Viċi Sindki u Segretarji Eżekuttivi għas-sena 2018 saret is-Sibt 27 ta' Ottubru fil-lukanda Dolmen. Din il-laqgħa indirizzat l-emendi proposti fil-White Paper fir-Riforma għall-Gvern Lokali.

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kienet attiva fid-diskussjonijiet li wasslu għal tfassil ta' riforma fil-liġi għall-Gvern Lokali. L-Assoċjazzjoni dejjem żammet f'moħħha l-bidu tal-Kunsilli Lokali, is-sitwazzjoni kurrenti u x'inhi l-viżjoni 'l quddiem.

Il-President tal-Assoċjazzjoni għamel preżentazzjoni li tat ħarsa lejn il-punti ewlenija tar-Riforma. Il-Laqgħa ħadet xejra differenti mis-soltu peress li ġew kreati workshops biex b' hekk jingħata lok għal diskussjoni li tinvolvi lil kulħadd.

Permezz ta' dawn il-workshops ġew diskussi:

- Ir-Reġjuni: Bdil fil-kompożizzjoni tar-Reġjuni kif ukoll tisħieħ fl-irwol u r-responsabbilitajiet
- Il-Qasam Soċjali, Edukattiv u Kommunitarju : Estensjoni ta' servizzi, għarfien liċ-ċittadin, permessi maħruġa, tisbiħ fil-lokalita u integrazzjoni
- Il-Kariga tas-Sindku u responsabilitajiet tal-Kunsilliera Lokali u t-terminazzjoni tal-Kumitati Amministrattivi
- Parteċipazzjoni akbar taċ-ċittadini lokali; sehem akbar miż-żgħażagħ
- Tisħiħ fir-riżorsi umani u fl-amministrazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali

## Laqgħat tal-Eżekuttiv

Bejn l-1 ta' Jannar 2018 u l-31 ta' Diċembru 2018 fit-tmien legislatura inżammu tnax-il laqgħa.

| **Numru tal-Laqgħa** | **Data tal-Laqgħa** |
|---|---|
| Laqgħa Nu. 4 | 16/01/2018 |
| Laqgħa Nu. 5 | 24/01/2018 |
| Laqgħa Nu. 6 | 06/03/2018 |

| | |
|---|---|
| Laqgħa Nu. 7 | 19/04/2018 |
| Laqgħa Nu. 8 | 31/05/2018 |
| Laqgħa Nu. 9 | 22/06/2018 |
| Laqgħa Nu. 10 | 26/07/2018 |
| Laqgħa Nu. 11 | 27/08/2018 |
| Laqgħa Nu. 12 | 25/09/2018 |
| Laqgħa Nru. 13 | 25/10/2018 |
| Laqgħa Nru. 14 | 22/11/2018 |
| Laqgħa Nru. 15 | 11/12/2018 |

L-attendenza għal dawn il-Laqgħat kienet hekk kif indikata;

| **Eżekuttiv** | **Kariga** | **Preżenti** | **Assenti b' ġustifikazzjoni** | **Assenti** |
|---|---|---|---|---|
| Mario Fava | President | 12 | 0 | 0 |
| Samuel Azzopardi | Viċi President Internazzjonali | 9 | 3 | 0 |
| Paul Farrugia | Viċi President Nazzjonali | 10 | 2 | 0 |
| Michael Fenech Adami | Membru | 10 | 2 | 0 |
| Jesmond Aquilina | Membru | 9 | 3 | 0 |
| Anthony Mifsud | Membru | 10 | 2 | 0 |
| Mark Grech | Membru | 12 | 0 | 0 |
| Graziella Galea | Membru | 11 | 1 | 0 |
| Joesph Cordina | Membru | 11 | 1 | 0 |

Waqt il-Laqgħa Nu.4, l-Eżekuttiv qabel li għandu jittwqqaf b'sospensjoni t-terminu tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni.

## Temi li ħadmet fuqhom l-Assoċjazzjoni

L-Assoċjazzjoni għarfet li tiddefinixi problemi, diffikultajiet u prijoritajiet li ħarġu minn kummenti u/jew ilmenti minn membri tal-Kunsill, stakeholders differenti kif ukoll miċ-ċittadini li waslu għall-attenzjoni tal-Assoċjazzjoni. Minkejja dan l-Assoċjazzjoni dejjem għarfet tkun proattiva u sensittiva għall-ħtiġijiet tas-soċjeta'. Imsemija aktar 'l isfel f' dan ir-rapport wieħed għandu jsib suġġetti li fuqhom l-Assoċjazzjoni bniet diskussjoni u saħansitra anki waslet għal konklużjonijiet konkret matul is-sena 2018.

## Ħaddiema fuq skemi tal-RSSL u CWSEF li qegħdin mal-Kunsilli Lokali

Wara rapport li fasslet l-Assoċjazzjoni u li ġie ppreżentat waqt il-Laqgħa tas-Sindki li saret f' Għawdex f' Diċembru 2017, dan qajjem reazzjoni għal-emendi li kienet qed tipproponi l-Assoċjazzjoni. Ġie propost li Kunsill Lokali;

- b'5 kunsillieri jkollom 3 ħaddiema
- b'7 kunsillieri jkollom 4 ħaddiema
- b'9 kunsillieri jkollom 5 ħaddiema
- bi 11-il kunsillier ikollom 6 ħaddiema
- bi 13-il kunsillier ikollom 7 ħaddiema

L-Assoċjazzjoni ħasset til-ħtieġa li jiltaqa' sotto-kummitat kompost minn membri tal-Eżekuttiv, Chairman RSSL, id-Direttur CWSEF u rappreżentanti ta' Kunsilli li kienu interessati li jissieħbu fid-diskussjoni.

Matul l-ewwel xhur tas-sena dan is-sotto kumitat iltaqa' tliet darbiet fejn matul dawn il-laqgħat ġew diskussi diversi punti u l-Assoċjazzjoni qablet li wieħed għandu jelimina l-proposta ssuġġerita rigward in-numru tra' allokazzjoni ta' ħaddiema mal-Kunsilli Lokali u jibbaża d-deċiżjoni fuq kemm il-Kunsill qed jieħu bis-serjeta' u b' responsabbilita' l-ingaġġ ta' dawn il-ħaddiema. Għaldaqstant ġie konkluż li biex il-ħaddiema jibqgħu allokati mal-Kunsill li qegħdin fih, hija fir-responsabbilita' tas-Segretrju Eżekuttiv u s-Sindku li jaraw li jkun qed jiġi pprovdut sa minn ġimgħa qabel pjan ta' xogħol li fih jinkorpora l-erbgħin siegħa li kull ħaddiem huwa mistenni li jagħmel. Dan il-pjan irid ukoll jintbgħat lill-entitajiet sabiex anki min-naħa taħhom wieħed ikun jista' anki jagħmel il-moniteraġġ neċessarju. Fl-aħħar tax-xhar is-Segretraju Eżekuttiv u s-Sindku għandu jippreżenta rapport ta' ħidma abbażi tal-pjanijiet li jkunu ingħataw lil dawn il-ħaddiema.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Assoċjazzjoni tifhem li dawn il-ħaddiema għandhom ikunu in1entivati wkoll. Għaldaqstant l-Assoċjazzjoni insistiet li ssir appraisal bejn il-Kunsill u l-management tal-entita' biex dawk il-ħaddiema li jaqbżu is-70% tal-marki għandhom jiġu rekonoxxuti tax-xogħol li jkunu qegħdin iwetqu.

L-Assoċjazzjoni enfasizzat li trasferimenti ta' dawn il-ħaddiema minn post għall-ieħor għandhom l-ewwel jiġu diskussi mal-Kunsill Lokali rispettiv u mal-Assoċjazzjoni qabel l-entita' tiddeċiedi li ċċaqlaq dawn il-ħaddiema.

L-Assoċjazzjoni fehmet u trid ukoll twassal il-messaġġ li kulħadd huwa mistenni li jagħti x-xogħol mistenni minnu anki fid-dawl li dawn il-ħaddiema jiswew lill-poplu 4 miljun Euro fis-sena.

L-Assoċjazzjoni ħadmet mal-entitajiet RSSL u District Operations biex jiġi imfassal MoU bejn l-Assoċjazzjoni u l-istess entitajiet. Nhar il-31 t' Ottubru, l-Assoċjazzjoni organizzat laqgħa informattiva għall-Membri tal-Kunsill kif ukoll għas-Segretarji Eżekuttivi biex jiġi spjegat dan il-ftehim. Wara din il-laqgħa, l-Assoċjazzjoni bdiet proċess biex tiġbor il-mandati tal-Kunsilli Lokali/ Reġjuni li xtaqu jissieħbu f' dan il-ftehim.

L-Assoċjazzjoni flimkien mal-RSSL u CWSEF ser tkun qed tiffirma dan il-ftehim nhar it-Tnejn, 21 ta' Jannar 2019, liema ftehim ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2019. B' sodisfazzjon l-Assoċjazzjoni issemmi li kważi l-Kunsilli Lokali / Reġjuni kollha taw mandat lill-Assoċjazzjoni biex jiġi ffirmat dan il-ftehim. L-Assoċjazzjoni saħqet li mhux ser tkun ta' sostenn fuq din il-materja għal dawk il-Kunsilli li ddeċiedew li ma jiffirmawx dan il-ftehim.

## Bereġ

L-ewwel laqgħa intalbet mill-President tal-Assoċjazzjoni għaliex minkejja li tisemma id-devoluzzjoni tal-bereġ mill-Kunsilli Lokali dan ma joħroġx mill-liġi u m'hemm l-ebda qafas legali li din qed topera fih. Għaldaqstant il-President talab l-informazzjoni kollha dwar kif qed tiġi mħadma din is-sistema.

Wara diversi laqgħat ma' rappreżentanti tad-Dipartimenti Kura Primarja tas-Saħħa, l-Assoċjazzjoni organizzat laqgħa ta' informazzjoni nhar l-Erbgħa, 31 t' Ottubru 2018 biex jingħata tgħarif fuq il-ftehim li tfassal bejn l-AKL u d-Dipartiment.

L-iffirmar tal-MoU sar ġewwa l-Ministeru tas-Saħħa nhar it-Tnejn, 10 ta' Diċembru 2018.

## POYC

L-Assoċjazzjoni ltaqat ma' CEO tal-POYC, is-Sa. Celia Falzon tat spjega tal-Outreach Program "Kun af Aktar Dwar il-Medicini Tieghek".

Il-POYC qegħdin jipproponu li jsiru Laqgħat informattivi fil-lokalitajiet bil-għan li jilħqu kemm jista' jkun liċ-ċittadini. L-iskop ta' din l-inizjattiva hija li titqajjem kuxjenza ta' għarfien u użu aħjar tas-servizz minn dawk kollha li jagħmlu użu mis-servizz tal-POYC.

Dawn il-preżentazzjonijiet diġa saru f' ħafna mid-Day Care Centres tal-anzjani u r-rispons kien wieħed ferm pożittiv. Il-għan li jkun hemm parteċipazzjoni anki mill-Kunsilli Lokali huwa li sfortunatament is-servizz tal-POYC jagħmlu użu minnu anki ċittadini ferm iżgħar fis-soċjeta' għalhekk l-iskop ewlini huwa li jintleħqu aktar nies.

Il-għan ta' dawn il-laqgħat ta' diskussjoni fil-kommunita' huwa li titnaqqas il-ħela bla bżonn ta' mediċini li wieħed ikun jieħu b'xejn kif ukoll wieħed jingħata għarfien ta' kif juża kif suppost u ta' kif jiddisponi minn dawn il-mediċini.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

## Ftehim Kollettiv tal-Ħaddiema Klerikali assenjati mal-Kunsilli Lokali

L-Assoċjazzjoni iltaqat ma' rappreżentanti tal-MIMCOL, UĦM u l-ħaddiema rappreżentanti biex flimkien mad-Direttur Generali għall-Gvern Lokali issiru n-negozjati sabiex jintlaħaq ftehim biex jiġi ppreżentant il-Ftehim Kollettiv il-ġdid tal-ħaddiema klerikali.

Minkejja l-ftehim wasal fi stadju avvanzat fejn qiegħed jiġi diskuss il-pakkett finanzjarju, il-laqgħat waqfgħu peress li l-UĦM ma kinitx f' pożizzjoni li tipprovdi ġustifikazzjonijiet għall-pakkett finanzjarju li kien qed jiġi propost min-naħa tagħhom.

L-Assoċjazzjoni kkollaborat mal-UĦM biex l-istess Union ittella' seminars lill-ħaddiema klerikali mal-Kunsilli Lokali biex jinġabru r-responsabilitajiet ta' dawn il-ħaddiema. Minkejja li dawn il-laqgħat saru, ma kienx hemm rispons min-naħa tal-ħaddiema u l-attendenza kienet ferm baxxa, għaldaqstant l-UĦM ma kienux f' pożizzjoni li jiġbru din l-informazzjoni.

Il-laqgħat ġew sospiżi sakemm l-UĦM ikollha din l-informazzjoni.

## Ftehim Kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi

Id-diskussjonijiet għadhom fi stadju preliminari.

## GDPR

L-Assoċjazzjoni għarfet li bl-introduzzjoni ta' din il-liġi ser ikun hemm bżonn li jingħata tagħrif dettaljat lill-Kunsilli biex ikunu ppreparati għal din il-bidla.Għaldaqstant l-Assoċjazzjoni kkollaborat mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex tittella' sessjoni informattiva għall-membri tal-Kunsill u s-Segretarji Eżekuttivi.

L-Assoċjazzjoni għaddeja wkoll f' diskussjonijiet mad-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali u l-ANSEK sabiex jiġu maħtura Data Protection Officers li jkunu Uffiċjali minn skala 12 'l fuq assenjati mal-Kunsill. Wasalna wkoll għall-konklużjoni li Data Controllers għandhom ikunu s-Segretarji Eżekuttivi ta' kull Kunsill rispettiv.

L-Assoċjazzjoni tifhem lill-Kunsilli li din il-liġi tista' iġġib magħha diffikultajiet u kontroll li qabel l-Kunsill ma kellux implimentati minkejja dan tirrikonoxxi li li huwa ferm importnati li l-Kunsilli jħarsu l-liġi. Kull Kunsill li jkollu diffikulta' huwa mistenni li jikkomunika mal-Assoċjazzjoni, mal-ANSEK jew mad-Dipartiment biex b' hekk ikun jista' jiġi giwdat.

## Masters fil-Governanza (MQF 7)

L-Assoċjazzjoni itirrikonoxxi l-fatt tli wieħed għandu dejjem jinvesti fir-riżorsi umani biex jimxi 'l quddiem u tilħaq aspettattivi li forsi tkun limitat li xi darba jistgħu jintlehqu. Għaldaqstant l-Assoċjazzjoni ħadmet flimkien mal-ILMI u d-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali biex jiġi imfassal programm ta' studju fuq livell ta' Masters fejn jiġi offrut lis-Sindki, Segretraji Eżekuttivi, kandidati prospettivi u anki ħaddiema oħra klerikali li juru li jridu jipprometu fil-karriera tagħhom.

Il-kors fuq bażi part-time u li jieħu madwar 24 xahar fejn issir lecture darba fil-ġimgħa ta' madwar tliet siegħat. Dr. De Bono spjega li ħafna mix-xogħol u l-istudju irrid issir mid-dar u online. Rigward it-tgħalliem, 60% ser ikun ibbażat fuq lectures u 40% online.

Dan il-kors ser ikun ikopri fih;

- Madwar 14-il siegħa lectures għal kull module
- Diskussjonijiet
- Workshops
- Madwar 7 siegħat tutorials
- Diskussjonijiet online
- Assignments kemm formative kif ukoll summative

Fost il-modules li ser ikunu inkorporati f' dan il-program ta' studju ser ikun hemm:

- Principles and application of Corporate Government
- Managing Public organisation and people
- Leadership organisational strategy and governance
- Managing finance and descision making
- Research methods
- Project Management
- Managing change in Public Institutions

Fl-aħħar jiem ġie ffirmat MoU bejn il-partijiet msemmija. L-ispiża ta' dan il-programm ta' studju ser tkun ta' madwar €8,700 għal kull parteċipant fejn wieħed jista' jibbenifika minn 70% mill-iskema Get Qualified u 30% l-oħra ser jinqasmu proprzjonament bejn l-Assoċjazzjoni, id-Dipartimetn għall-Gvern Lokali u l-Parteċipant.

IDEA Malta laqgħet l-applikazzjonijiet ta' studenti li jixtiequ japplikaw biex jagħmlu dan il-programm ta' studju. Saru laqgħat informattivi ma ta' tul ix-xahar ta' Diċembru.

Il-programm ta' studju mistenni jibda fit-8 ta' Jannar 2019, il-lezzjonijiet ser jinżammu fis-sala tal-Assoċjazzjoni.

## Ftehim dwar Qbid ta' Ħammiem mil-Lokalitajiet

L-Assoċjazzjoni pparteċipat f' diversi laqgħat kemm mal-Ministeru tal-Ambjent kif ukoll ma' persuni oħra li setgħu jgħinu f' dan il-qasam. Wara dawn id-diskussjoni l-Ministeru tal-Ambjent, inħarġet sejħa għall-offerti mill-Ministeru tas-Saħħa biex ikunu jistgħu jinqabdu l-ħammiem mingħajr ma dawn jinqatlu. L-Assoċjazzjoni ġiet infurmata li din is-sejħa twaqqet u għaldaqstant l-Assoċjazzjoni ser tkun qed toħroġ din is-sejħa fl-ewwel jum tas-sena 2019.

## Swieq fil-Beraħ

L-Assoċjazzjoni għarfet li għandha tħejji rapport biex tiddiskuti din l-materja li qed toloq mil-qrib lill-lokalitajiet li fihom jintrama l-monti. Din il-materja anki ġiet diskussa waqt il-Plenarja li nżammet f' Settembru 2017.

l-Assoċjazzjoni temmen li;

- Għandu jkun hemm sinjali li jindikaw b'mod ċar fejn suppost ikunu armati dawn l-istrutturi u li għandhom permess biex jarmaw. Il-marki mal-art għandhom ikunu aktar evidenti biex jekk ikun qed isir xi abbuż ikun aktar evidenti u tkun tista' titieħed azzjoni immedjata.
- Il-qofol ta' kollox huwa li l-infurzar irid issir b'mod serju.

L-Assoċjazzjoni temmen ukoll li s-Swieq fil-Beraħ huma tradizzjoni kummerċjali li tmur lura fi snin, huma karateristika ta' l-istess lokalita u huma ta' kontribut ekonomiku u esperjenza turistika. Huma wkoll iservu bħala dimensjoni soċjali fejn jagħtu lok lin-nies biex jiltaqgħu waqt li jsibu wkoll prezzijiet kompettitivi.

Min-naħa l-oħra wiħed ma jistax jinjora l-fatt li dawn qed joħolqu wkoll inkonvenjent lir-residenti tal-lokali minħabba l-ħin pjuttost kmieni li qegħdin jarmaw,in-nuqqas t'aċċess għall-post u n-nuqqas ta' sigurta' kif ukoll l-kwistjoni ta l-iskart li jiġi ġġenerat matul il-ħin tal-operat u anki l-iskart li jitħalla wara. Il-Kunsill mhux biss qed iġorr piż finanzjarju imma wkoll amministrattiv.

L-Assoċjazzjoni għarfet ukoll li trid tiġi indirizzata l-problema tal-iskart li jiġi ġġenerat minn din l-attivita', għaldaqstant fil-jiem li ġejjin l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tikkomunika wkoll mal-Ministeru tal-Ambjent fejn ħa tkun qed tressaq il-proposti tagħha.

Fuq nota oħra l-Assoċjazzjoni tixtieq issemmi li l-proposti li resqet kollha ġew aċċetatti biex jidaħħlu fil-White Paper.

L-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali, filwaqt li tilqa' l-aħbar li fl-aħħar giet imnidija din il-white paper għall-konsultazzjoni, hemm punti li diga mill-bidu mhix taqbel magħhom u jridu jiġu diskussi magħha qabel jiġi varat id-dokument finali.

Il-Proposta li jkun hemm bord dwar is-Swieq Lokali, tagħmel sens imma dan ma jfissirx li l-Kunsilli Lokali ser iċedu d-dritt tagħhom li jkunu huma li jiddeċiedu fejn jarma s-suq. Barra dan, il-Kunsilli Lokali għandu jkollhom rappreżentant fuq dan il-Bord. Dan għaliex kull deċiżjoni li ser jieħu dan il-Bord, se timpatta pożittivitament jew negattivament fuq il-Kunsill Lokali rispettiv. Ghalhekk huwa pożittiv li jidher li diġa hemm qbil dwar dan.

Is-sitwazzjoni preżenti f' dan il-qasam, mhix waħda sostenibbli. Sistema li qed twassal għal ħafna inkonvejnza, ħmieġ, u problemi għall-lokalitajiet tagħna u s-sidien infushom. Intenni, m'jien niġbed in-naħa ta' ħadd imma l-interess uniku tiegħi hu li tinstab soluzzjoni, nerġa' ngħid, b'

konsultazzjoni wiegħsa iżda b' time frames ċari. Irridu niddiskutu imma rridu wkoll immorru għal azzjoni. Azzjoni li trid tkun ġusta u toħloq bilanċ bejn kulħadd.

L-Assoċjazzjoni temmen li bil-proposti mressqa permezz ta' dan id-dokument, dan il-bilanċ jista' jintlaħaq billi kulħadd jerfa' l-parti tiegħu u nneħħu d-drawwiet li ilna nirtu minn żmien għal żmien.

## Ftehim dwar il-Bus Shelters

l-Assoċjazzjoni bdiet sensiela tal-Lagħat mal-kumpanija FACES Consultants Ltd fejn bejn il-partijiet reġa' nbena pont ta' kommunikazzjoni biex kollox jitmexxa fl-aħjar interess tal-lokalitajiet.

Għaldaqstant l-Assoċjazzjoni emendat il-kuntratt eżistenti li kien hemm fejn ukoll ġew stabbiliti proċeduri li l-Kunsilli għandhom jimxu magħhom kemm biex japplikaw għall-Bus Shelters ġodda kif ukoll biex jirrapurtaw ħsarat.

L-Assoċjazzjoni ħasbet ukoll biex ikollha impjegat li jkun jikkorrispondi mal-Kunsilli Lokali u mal-kumpanija biex l-proċess ikun wieħed effiċjenti u mingħajr dewmien. L-iskop ta' dan kollu kien li l-Assoċjazzjoni toffri s-serviz tagħha lill-Kunsilli u b'hekk itejjeb il-kwalita' liċ-ċittadin.

Wara l-ftehim li l-Assoċjazzjoni għamlet mal-kumpanija FACES, l-Assoċjazzjoni bdiet tasissti lill-Kunsilli Lokali billi tiġbor applikazzjonijiet għall-manutenzjoni ta' Bus Shelters kif ukoll instalazzjonijiet ta' Bus Shelters ġodda. Fil-fatt l-Assoċjazzjoni żiedet ir-riżorsi umani billi impjgat ħaddiem biex fost xogħol ieħor ikun jista' jassisti lill-Kunsilli u jservi wkoll bħala punt ta' referiment bejn il-Kunsilli Lokali u l-kumpanija FACES.

L-andament tas-sistema u l-proċeduri adotatti jidher li kien effettivi u sal-aħħar tas-sena jidher li ser ikun hemm 'l fuq minn 80 applikazzjoni għal-Bus Shelters ġodda.

L-Assoċjazzjoni flimkien mal-Kumpanija FACES ser tkun qed torganizza laqgħa għas-Sindki, membri tal-Kunsilli, Segretarji Eżekuttivi u Periti bil-għajn li jiġi mnidi wkoll linji gwida ta' installazzjoni ta' Bus Shelters filwaqt li tkompli tissaħħaħ l-assistenza li l-Assoċjazzjoni qed toffri lill-Kunsilli Lokali.

Wara laqgħa li saret ġewwa s-sala tal-Assoċjazzjoni nhar it-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2018, il-kumpanija FACES kompliet bil-laqgħat mal-Assoċjazzjoni u bdiet ukoll sensiela ta' laqgħat mal-Kunsill Lokali bl-iskop li jiġu dentifikati Bus Stops li għad m'għandhomx Bus Shelters u Bus Shelters eżistenti li jistgħu jinbidlu.

## Transport Malta

Kif sar ma' kumpaniji privati, sar ukoll ftehim ma' Transport Malta fuq Bus Shelters li jinsabu f' toroq arterjali.

## Riċiklaġġ ta' Materjal ta' Tessuti

Il-Laqgħa intalbet wara li s-Sur Fava ġie għall-attenzjoni tiegħu li kien hemm kollettur li qed javviċina lill-Kunsilli biex jibda jiġbor il-ħwejjeġ użati.

Id-Direttur tal-kumpanija Malta Textil Recycling spjega li l-għan tal-kumpanija hija li tiġbor kull tip ta' ċraret anki dawk mhux tajbin għall-użu biex tesportahom biex minnhom issir materjal li jintuża bħala insulation.

- Qed jiġi propost li flimkien mal-Kunsilli Lokali tiġi ppjanata skeda li jinġabar dan l-iskart door to door darba fix-xhar.
- Mhux ser ikun hemm ebda nefqa għall-Kunsilli
- Ser jieħdu l-inizjattiva li darba f' sena jippremjaw lil xi Kunsill billi jgħinuh isebbaħ l-ambjent
- Il-kumpanija topera f' diversi pajjiżi u għandha l-peremessi neċessarji mill-ERA (kopja annessa mal-minuti)
- Il-kumpanija mhix beħsieba toħroġ borża b' xi lewn speċifiku – ġie spjegat li dan jista' joħloq kunfużjoni lill-kolleturi l-oħra u anki lijlhom stess
- L-iskeda ser tkun waħda li takkomoda l-ħinijiet tal-Kunsill biex din ma tintervejniex mal-ħinijiet u l-ġranet li diġa stabbiliti ma' kolleturi oħra
- L-iskop tal-blue bins ser jibqa' dak li fih jitefu ħwejjeġ li jistgħu jergħu jintużaw peress li l-għan tal-kumpanija huwa li tirriċikla.

L-iskop ta' dan kollu huwa li l-materjal li jinġabar jiġi kollu esportat għar-riċiklaġġ u għaldaqstant jitnaqqas ammont konsiderevoli ta' skart li jinxteħet fil-landfill.

L-Assoċjazzjoni għarfet tagħati s-support lil din l-inizjattiva u għaldaqastant ġie ffirmat MoU biex ikun ta' linja gwida għall-kollettur.

## Tribunali Lokali

Il-President tal-Assoċjazzjoni ħass li kellu jsejjaħ din il-Laqgħa peress li l-istess suġġett tqajjem waqt il-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 7. Fl-istess Laqgħa kien hemm qbil li jiltaqgħu l-President tar-Reġjuni flimkien mas-Segretarji Eżekuttivi biex jiddiskutu aktar fid-dettal is-suġġett.

L-iskop huwa li b' kommunikazzjoni u bi qbil bejn il-partijiet tinsab possibilment soluzzjoni għat-tribunali u l-futur x' għandu jkun. Filwaqt li tiġi wkoll iċċarata l-ambigiwta fuq il-pagamenti li LESA tgħaddi lir-Reġjuni b' referenza għall-memo li kienet ħarġet mid-Dipartiment u legal notice sussegwentament.

Id-diskussjonijiet għadhom fi stadju bikri biss pero l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tara li d-diskussjonijiet jibqgħu għaddejjin u tittieħed azzjoni. Fid-dawl ta' dan kollu l-Assoċjazzjoni talbet ukoll lir-Reġjuni biex jikkwantifikaw l-ammont ta' spejjeż li r-Reġjun kellu jħallas minħabba l-operat tal-LESA u li dawn il-ħlasijiet baqgħu pendenti.

Tkomplew id-diskussjonijiet fid-dawl biex jintlaħaq ftehim fuq l-ispejjeż li hemm dovuti lir-Reġjuni.

Kien hemm qbil li wara li l-ammonti preżentati mir-Reġjuni jiġu vverifikati minn awdituri indipendenti, l-LESA tħallas lura dawn l-ammonti fi tmien pagamenti fuq medda ta' sentejn.

L-irwol tal-Assoċjazzjoni kien wieħed utli biex tinġabar l-istatistika mitluba minn kull Reġjun kif ukoll li tmexxi -diskussjonijiet u l-proposti bejn il-partijiet u l-Ministeru.

L-Assoċjazzjoni qed taħdem mal-Ministeru u mal-entita' kkonċernata biex fil-ġimgħat li ġejjin tkun tista' tieħu pożizzjoni u tikkonkludi

## Ftehim LESA

Fl-aħħar xhur tal-ewwel nofs is-sena 2018, l-Assoċjazzjoni daħlet fi ftehim mal-LESA fejn offriet li tagħti l-assistenza tagħha biex tkun mezz ta' kommunikazzjoni fejn jidħlu ilmenti bejn il-Kunsilli Lokali u l-Aġenzija.

## Laqgħat Enemalta u WSC

Il-president tal-Assoċjazzjoni għaraf ukoll li jiltaqgħa ma' CEO tal-Enemalta kif ukoll dak tal-Waterservices Corporation biex jiġu riżolti ċerti kwistjonijiet fuq xogħolijiet li jsiru fit-toroq u twaħħijl ta' arbli tad-dawl li qamu bejn l-Entitajiet imsemmija u l-Kunsilli Lokali.

L-Assoċjazzjoni talbet lill-Kunsilli Lokali biex jgħaddu lill-Assoċjazzjoni pendenzi li l-Kunsill għandu jieġu mingħand il-WSC. Dawn il-pendenzi għadhom qed jiġu diskussi.

## Town Centre Management- MTA

L-Assoċjazzjoni ħejjiet MoU biex iservi ta' qafas għal kif għandhom jaħdmu kumitati simili.

L-AKL ħadmet b'involviment sħiħ mal-Kunsill Lokali rispettiv u l-Awtorita' tat-Turiżmu. L-Assoċjazzjoni ħadmet u fehmet ukoll il-ħtieġa li għandu jkun hemm assistenza mill-Gvern Lokali f' żoni turistiċi biex jittaffa' l-piż minn fuq il-Kunsill Lokali rispettiv.

## Permessi ta' Mwejjed u Siggijiet

B' dispjaċir hawnhekk l-Assoċjazzjoni temmen li waslitx fejn xtaqet tasal. Għaldaqstant fix-xhur li ġejjin ser tkun qed tissokta l-ġidma f' dan il-qasam.

Is-suġġett ġie diskuss waqt diversi laqgħat li l-Assoċjazzjoni żamm mal-Kunsilli u kif ukoll waqt laqgħat statutorji.

L-Assoċjazzjoni tappella lill-Kunsilli li fejn joġġezzjonaw u ma jingħtawx widen mill-Awtoritajiet għandhom jinfurmaw lill-Assoċjazzjoni.

## Ħlasijiet ta' Kontijiet ta' Dawl u Ilma fil-Kunsilli Lokali

L-Assoċjazzjoni tirrikonoxxi l-fatt li l-Kunsill dejjem għandu jkun aktar qrib iċ-ċittadin u joffri servizz fil-lokali. Wara diversi laqgħat l-Assoċjazzjoni waslet għall-ftehim mal-ARMS biex tidħol il-possibilita' li kontijiet tad-dawl u l-ilma jibdew jitħallsu wkoll fil-Kunsilli Lokali. L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tagħmel l-arranġamenti neċessarji biex tara l-possibilita' li l-ammont ta' flus miġbura mill-Kunsilli Lokali jiġi kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni li toffri l-Assoċjazzjoni filwaqt li qed tara kuill possibilita' ta' assistenza min-naħa tal-ARMS biex dan is-servizz offrut ma jkunx ta' detterent la fuq il-Kunsilli Lokali u wisq anqas fuq il-ħaddiema.

L-Assoċjazzjoni qed tagħmel dak kollu possibbli biex dan is-servizz ikun wieħed ta' suċċess u li mhux biss li l-Kunsill jersaq aktar viċin iċ-ċittadin imma wkoll dan inkun mod ieħor ta' finanzjarjament għall-Kunsill rispettiv.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

## Iffirmar ta' MoU kontra r-rilaxxar tal-Bżieżaq

L-assoċjazzjoni ġiet avviċinata minn Malta Clean Up biex tkun tista' tgħin f' inizjattiva sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-ħsara fuq l-ambjent li jagħmlu l-bżieżaq meta dawn jiġu rilaxxati. L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għamlet ħilitha kollha biex fi żmien ftit ġranet tilħaq l-aspetattivi li minkejja l-ħidma li kienet saret minn Malta Clean Up tul dawn l-aħħar sentejn xorta ma kienux wasslu għar-riżiltati mixtieqa.

Meta wieħed jikkonsidra l-ħsara li qed issir permezz ta' dan l-użu kienet ġustifikazzjoni biżżejjed biex nemmnu li din kienet kawża ġusta u li l-Assoċjazzjoni kellha tkun parti attiva biex filwaqt li tqajjem kuxjenza, tmur ukoll pass oltre minn hekk u bdiet taħdem biex tinkoraġġixxi lill-Kunsilli Lokali biex jissieħbu f' din l-inizjattiva. Għaldaqstant ġie mħejji dokument ***L-Effett negattiv fuq l-ambjent meta jittajru l-bżieżaq*** li ġie ċċirkulat mal-Kunsilli Lokali. Id-dokument qajjem interess fost diversi Kunsilli Lokali u minnhekk l-Assoċjazzjoni ħadet l-opprotunita' li tagħmel talba lil dawk il-Kunsilli li xtaqu jkunu attivi f' din l-inizjattiva.

Hu kkalkulat li minn tal-inqas 10% tal-bżieżaq rilaxxati ma jinfaqgħux u għaldaqstant jerġgħu jinżlu lura minfuħin. L-akbar impatt ikun fuq l-għasafar, dniefen, fkieren u kreaturi oħra marittimi. Għaldaqstant, dan huwa eżempju ċar ta' 'littering'. B'loġika, jekk aħna narmu xi ħaġa fl-art jew barra, min jinqabad jiġi mħarrek għax qed iħammeġ. Minkejja dan, jekk intajru bużżieqa fl-arja li hi magħmulha minn plastik li dan għadnu l-istess effett ta' plastik ieħor mormi fl-art, ma jiġri xejn. Anzi nippromovu din il-prattika biex niċċelebraw!

Mod ta' kif tista' tinħoloq l-istess atmosfera mingħajr riperkusjonijiet ambjentali huwa billi jintużaw bżieżaq tas-sapun, li minnbarra li xorta joħolqu ambjent ferrieħi, dawn jispiċċaw fix-xejn fl-arja wara ftit ħin u għaldaqstant ma jħallu l-ebda impatt. Alternattiva oħra tista' tkun messaġġi ta' tifkira. Flokk wieħed jikteb messaġġi fuq bżieżaq jew inkella fanali magħmluha mill-karti, wieħed jista' juża' flixken żgħar fejn fihom, dawk prezenti jiktbu xi messaġġ għall-okkażżjoni. Aparti li huwa simbolu sabiħ dan jista' jinżamm u l-memorji miktuba tibqa' bħala tifkira. Għal kuntrarju tal-użu tal-bżieżaq u theddid ambjentali li dan iġib miegħu, wieħed jista' isebbaħ l-ambjent biex jikkommemora xi avveniment, bħal pereżempju; jitħawlu xi pjanti jew siġar. B' dan il-mod inkunu qed nagħtu xi ħaġa lura lin-natura u nikkontribbwixxu għal tisbieħ ambjentali fejn igawdi kulħadd. Dawn huma biss ftit eżempji li bihom wieħed jista' jikseb l-istess atmosfera ta' ferħ u ċelebrazzjoni mingħajr ma jinħoloq impatt negattiv fuq l-ambjent.

Il-partijiet jippromettu li ser ikunu parteċipi f' din l-inizzjattiva u ser ikunu qed jipprojbixxu l-użu tal-bżieżaq u konfetti tal-plastik waqt attiviatjiet imtella' fil-lokalita'. Għaldaqstant, il-Kunsill ma joħroġx permessi għall-attivitajiet li ser ikunu qed jagħmlu użu minn rilaxxar ta' bżieżaq u tfiħ ta' konfetti tal-plastik u l-permess joħroġ wara li jkun hemm dikjarazzjoni mill-organizzatur li mhux ser jagħmel użu minn dawn l-affarjiet imsemmija.

Il-Kunsill huwa wkoll responsabbli li jqajjem din il-kuxjenza m' għaqdiet fil-lokalita' fosthom każini tal-baned biex ikun hemm l-istess ftehim bejn kull entita' jew organizazzjoni fil-lokalita'.

Għaldaqstant, nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2018 ġie ffirmat ftehim bejn Malta Clena Up u l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, f' isem il-Kunsilli li wrew ix-xewqa li jipparteċipaw.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

## Immaniggjar tal-Iskart

L-Assoċjazzjoni ikkollaborat u saħanistra assistit fi problemi li kien hemm biex ġiet introdotta l-borża tal-iskart organiku.

## Local Integration Charter

L-Assoċjazzjoni qed tikkollabora mal-Ministeru għall-Affarjiet Ewropej, Ugwaljanza, Drittijiet Umani u Integrazzjoni iex tiġi adottata Strateġija u Pjan t' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni. Din il-Karta tal-Integrazzjoni fuq Livell Lokali hija għodda biex il-Kunsilli Lokali jappoġjaw lil xulxin biex jirrispondu għall-bżonnijiet tal-integrazzjoni f' kommunitajiet li qed isiru dejjem aktar diversi.

L-Assoċjazzjoni ser tkun qed tkompli tiżviluppa din il-kollaborazzjoni fix-xhur li ġejjin.

## Health and Safety Seminar

L-Assoċjazzjoni b' kollaborazzjoni mal-Awtorita' tas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol organizzat sessjoni informattiva fuq is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, b' enfasi partikolari u referenza għal-xogħol fl-uffiċini.

Din is-sessjoni ġiet organizzata nhar it-Tlieta, 27 ta' Novembru u li għaliha attendew Membri tal-Kunsill u Segretarji Eżekuttivi ta' diversi Kunsilli Lokali. Waqt din is-sessjoni ġie diskuss; il-Prinċipji ta' Risk Assessment kif ukoll prinċipji bażiċi ta' Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol b' referenza għall-Kunsilli Lokali.

## LESA Seminar

L-Assoċjazzjoni flimkien mal-LESA organizzaw sessjoni ta' informazzjoni għas-Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema Klerikali fuq it-tħaddim tas-sistema online biex wieħed japplika għall-permessi.

Din is-sessjoni ittellgħet it-Tnejn, 19 ta' Novembru 2018.

## Kollaborazzjoni ma' Transport Malta fuq Charging Pillars

L-Assoċjazzjoni kkollaborat ukoll ma' Transport Malta fuq charging pillars fil-lokalitajiet. Din l-inizjattiva hija parti mill-Pjan Strateġiku kemm fl-Unjoni Ewropeja kif ukoll dak Nazzjonali, biex tiġi mnaqsa l-emissjonijiet tossiċi filwaqt li jiżdiedu l-faċilitajiet għall-vetturi eletroniċi. Dawn ic-chargig pillars ser ikunu jistgħu jintużaw anki mill-vetturi privati. L-Assoċjazzjoni assistit biex tiffaċilita l-proċess ta' komunikazzjoni bejn Transport Malta u l-Kunsilli Lokali, dan anki peress li Transport Malta ser ikun qed jinstalla 108 charging pillar f' diversi lokalitajiet. L-Assoċjazzjoni ħadet ħsieb li tikkomunika mal-Kunsilli Lokali biex jibgħatu l-proposti tagħhom lil Transport Malta.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

## Kumitat għall-Immaniġġjar tat-traffiku

L-Assoċjazzjoni tiġi rappreżentata f' dan il-Kumitat permezz tal-President. L-għan ta' dan il-Kumitat hu li mhux biss jiġi identifikati problemi eżistenti imma wkoll jinsabu soluzzjonijiet għal problemi identifikati. Fix-xhur li ġejjin l-Assoċjazzjoni ser tkun qed taħdem biex tfassal u timplimenta sistema online li tgħin fl-immaniġjar tat-traffiku.

## Inizjattiva MCCF 2018

Għal sena oħra l-Assoċjazzjoni ħadet l-inizjattiva biex tiġbor donazzjonijiet mingħand il-Membri tal-Kunsilli Lokali, Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema, donazzjoni ta' €2.33 fix-xhar.

Din l-inizjativa hija waħda volontarja. L-Assoċjazzjoni ġabbret is-somma ta' €1,896.49 liema somma ser tiġi preżentata lill-Eċċellenza Marie Louise Coleiro Preca matul il-ġimgħat li ġejjin.

## Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa

Matul ix-xhar ta' Diċembru, l-Assoċjazzjoni ħadet ħsieb li tibda tiġbor l-informazzjoni mill-Kunsilli Lokali biex ikunu jistgħu jkoppru lill-ħaddiema u Membri tal-Kunsill Lokali b' polza tal-assigurazzjoni tas-Saħħa.

## EPPS – Kors ta' Evalwazzjoni 13/07/2018

L-Assoċjazzjoni organizzat kors li għalih kien hemm konkorrenza tajba ta' Sindki, Viċi Sindki u Kunsilliera. L-iskop kien li bħala membri tal-Kunsill minn żmien għal żmien huma jkunu msejħa biex jagħmlu aġġudikazzjoni ta' sejħiet ta' offerti fuq is-sistema elettronika EPPS. Għaldaqstant dan is-seminar ta tgħarif lil dawk li attendew fuq il-proċess li jkun mistenni minnhom.

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali

## Parteċipazzjoni fil-kampanija Pink October

L-Assoċjazzjoni ħadet ħsieb li tixgħel il-binja b' dawl roża biex tippartċipa fil-Kampanja Pink October. Barra minn hekk, l-Assoċjazzjoni organizzat attivita' għall-ħaddiema kollha tal-Binja ta' Local Government Building.

## Attivita' tal-Milied organizzata mill-Assoċjazzjoni

L-Assoċjazzjoni organizzat riċiviment tal-Milied fis-sala tal-Assoċjazzjoni nhar il-Ħamis, 20 ta' Diċembru 2018. L-Assoċjazzjoni għarfet li tirrikonoxxi l-ħidma li ssir mill-Membri tal-Kunsilli Lokali, Segretarji Eżekuttivi u anki Ħaddiema mal-Kunsilli Lokali.

## Attivitajiet f' għeluq il-25 sena ta' Gvern Lokali

L-Assoċjazzjoni ħadet ħsieb li torganizza numru ta' inizjattivi biex tfakkar l-għeluq il-25 Sena ta' Gvern Lokali.

### BBQ

L-Assoċjazzjoni organizzat BBQ għal-membri tal-Kunsill u s-Segretraji Eżekuttivi nhar il-Ġimgħa, 10 t' Awwissu ġewwa l-lukanda Dolmen

### Għoti ta' Demm

L-attivita' saret nhar il-Ħadd, 28 t' Ottubru 2018 fiċ-Ċentru Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm. L-Assoċjazzjoni flimkien maċ-Ċentru Nazzjonali ta' Transfużjoni tad-Demm biex ġie mfassal ftehim biex il-Kunsilli Lokali jorganizzaw attivitajiet f' jum il-lokalita' li fihom jagħmlu inizjattivi biex iħeġġu lir-residenti jagħmlu donazzjoni ta' demm.

Il-ftehim għandu jkun iffirmat fl-ewwel jiem tas-sena 2019.

### Tħawil ta' Siġar

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Novembru sar it-tħawwil ta' siġar fil-Family Park f' Marsascala. L-Assoċjazzjoni ħasbet li tħawwel madwar 80 siġra li jirrappreżentaw lil :

- L-Assoċjazzjoni
- 68 Kunsill Lokali
- 5 Reġjuni
- L-ANSEK
- LESA

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

CSR Day – Ġurnata Volontarja ġewwa d-Dar Papa Franġisku

Il-ħaddiema tal-Assoċjazzjoni flimkien ma' Membri ta' Kunsilli Lokali għamlu ġurnata volontarjat fi Dar Papa Franġisku, fejn sar xogħol ta' tibjid u tindif fil-binja.

Minkejja dan kollu, l-Assoċjazzjoni ħadet ukoll l-opportunita' li tiltaqa' mas-sorjiet tal-Ursolini kif ukoll ma' rappreżentanti minn Djar Bjorn. L-Assoċjazzjoni ħadet ħsieb li tassisti lil dawn l-organizazzjonijiet.

Suppliment

F' għeluq il-25 Sena ta' Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni ippubblikat Suppliment li tqassam b' xejn mal-ġurnal it-Torċa.

## Rinovar fl-uffiċini u s-Sala tal-Assoċjazzjoni

Matul is-sena saru diversi xogħlijiet fl-uffiċini u anki fil-binja li l-Assoċjazzjoni tokkupa ġewwa l-Marsa. Dan ix-xogħol wassal għall-ambjent aħjar kemm għall-ħaddiema kif ukoll għal dawk kollha li jżuru l-uffiċini tal-Assoċjazzjoni.

Beda wkoll ix-xogħol biex tiġi rinovata s-sala tal-Assoċjazzjoni. Fost ix-xogħlijiet li huma pjanati li jsiru hemm; tibjid, bdil tas-suffett u tal-purtieri kif ukoll materjal promozzjonali ieħor li jagħti wkoll identita' lill-Assoċjazzjoni.

## Ingaġġ ta' impjegati ġodda

Matul is-Sena 2018, l-Assoċjazzjoni tat ukoll prijorita' li ssaħħaħ l-istruttura amministrattiva. Għaldaqstant fit-Tielet Kwart tas-Sena 2018, l-Assoċjazzjoni kellha l-istruttura amministrattiva kompluta. Apparti s-Segretarju Eżekuttiv u l-Uffiċjali Eżekuttivi, l-Assoċjazzjoni impjegat ukoll Assistent Prinċipal fuq skala 11 biex apparti li jasisti fl-operat tal-Assoċjazzjoni ikun jista' wkoll iħejji xogħol preliminari għall-accountant. Għaldaqstant, l-istaff tal-Assoċjazzjoni huwa kompost minn:

- Is-Sa. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv
- Is-Sur Ian Magro – Assistent Prinċipal
- Is-Sa. Natasha Gauci – Uffiċjali Eżekuttiv
- Is-Sur Noel Zarb – Uffiċjali Eżekuttiv

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

## X' inhuma l-pjanijiet għall-ewwel tlett xhur tas-Sena 2019?

L-Assoċjazzjoni ħa tkompli bil-ħidma tagħha fix-xhur li ġejjin. Fost il-pjanijiet hemm:

- Sessjoni ta' taħriġ fl-Ewwel Għajnuna għall-Ħaddiema tal-Kunsilli Lokali
- Sessjonijiet ta' Tifi ta' Nar għall-Ħaddiema tal-Kunsilli Lokali
- Asisstenza lill-Kunsilli Lokali / Reġjuni biex jiġu konformi mal-liġi tal-GDPR
- Aktar parteċipazzjoni fi proġetti Ewropej
- Aktar ħidma li tippromovi l-Integrazzjoni, parteċipazzjoni fil-proġett ADMIN4all
- Jitlesta l-arkivji tad-dokumenti tal-Assoċjazzjoni
- Isir ir-Risk Assessment tal-uffiċini tal-Assoċjazzjoni
- Sessjoni ta' informazzjoni b' kollaborazzjoni mal-ERA fuq żbir ta' siġar
- Linji Gwida lill-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni għall-Attivitajiet Kulturali mill-Fondi tal-LESA
- Kollaborazzjoni mal-MCAST biex jiġu offruti sessjoni ta' taħriġ fil-Kunsilli Lokali
- Kollaborazzjoni mal-ARMS biex jibdew jitħalsu l-kontijiet ta' dawl u ilma fil-Kunsilli Lokali
- Laqgħa Plenarja Frar 2019
- Riċiviment tal-Karnival lit-tfal fid-djar tas-sorjiet
- Servizz offrut lill-Kunsilli Lokali għall-qbid tal-ħammiem
- Sistema ta' Traffic Management System
- Kampanja kontra r-rimi tas-sigaretti u chewing gum mal-art
- B' kollaborazzjoni mad-Diviżjoni u mal-Kummissarju tal-Protezzjoni tal-Informazzjoni, jittellgħu sessjonijiet informattivi għall-persuni fil-Kariga ta' Data Protection Officers
- Tikkonsulta biex tiġi finalizzata r-Riforma għall-Gvern Lokali
- Taħdem mal-Kunsilli Lokali u mal-Fondazzjoni għall-Żoni Turistiċi fuq latrini li jinsabu f' żoni turistiċi
- Ġbir ta' informazzjoni fuq devoluzzjonijiet li għadhom pendenti mal-Awtorita' tal-Ippjanar u mad-Dipartiment tal-Artijiet

## Konklużjoni

Minkejja l-impennji li l-Assoċjazzjoni diġa għandha pjanati, hija dejjem tkun flessibbli u tipprova tkun effettiva għall-ħtiġijiet li jinqalgħu u assistenza li tiġi mitlubha minn żmien għal żmien. L-Assoċjazzjoni tgħaraf li għandha tkun flessibbli u li tirrejaġixxi għall-bżonn tal-Kunsill.

Matul is-sena 2018, l-Assoċjazzjoni għarfet ukoll li tuża b' mod għaqli l-media soċjali biex twassal l-messaġġ tagħha. Għaldaqstant, kemm il-paġna uffiċjali fuq Facebook kif ukoll il-website (lca@lca.org.mt ) ikunu regolarment aġġornati b' dak kollu li jkun għaddej.

Mario Fava
President